# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 671/20TA**

**Carmelo Bonnici [K.I. 817350M] u martu**
**Rosanna Bonnici [K.I. 746459M]**

**vs**

**Karl Borg [K.I. 200779M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Bonnici tat-8 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Ġunju 2020 fejn fost oħrajn ordnat provviżorjament il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat Karl Bonnici;

Rat ir-risposta ta' Karl Bonnici tat-18 ta' Ġunju 2020;

Rat il-verbal tad-19 ta' Ġunju 2020 fejn il-partijiet talbu żmien biex jipprovaw jilħqu xi xorta ta' ftehim barra l-Qorti;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-atti ta' dawn il-proċeduri, partikularment ix-xhieda tal-periti rispettivi tal-partijiet. Mill-provi irrisulta fost affarijiet oħra is-segwenti:

Illi fil-planki li jinsabu fil-basement diġa' feġġet qasma dijagonali. L-aħħar li tela' sular ieħor fuq dak li kien hemm fil-blokka mertu tal-kawża kien fl-2006. Din il-qasma tidher li hija fil-planka fiha nnifisha u mhux timxi mal-mili ta' bejn il-planki (ara dok CB2 a' fol 11).

Li l-Blokka inkwistjoni ilha li nbniet 'l fuq minn tletin sena. Għalhekk jsta' jagħti l-każ li hija ukoll misjura. Di fatti l-istess perit tal-intimati jiddeponi li x'aktarx il-blokka inbniet fit-80' (ara a' fol 43).

Li ma hux magħruf kemm huma ħoxnin il-planki li hemm fil-basement u anke dan ħareġ ċar mix-xhieda tal-perit tal-intimati. Dan jgħid li ma rax kemm hija l-ħxuna tal-planki fil-basement (ara a' fol 43).

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet tfakkar li dawn il-Qrati dejjem irritenew li l-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib [ara **digriet – Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387**)]. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tidħol fil-mertu tal-*method of works* li qed jipproponi l-intimat. Wara kollox iż-żewġ periti ma jaqblux bejniethom ta' x'tista' tkun l-aħjar triq. Di fatti l-perit tar-rikorrenti baqa' sal-aħħar jgħid li kien għalih kien jagħmel *reinforce* (ara xhieda a' fol 38 tergo). Din hi kwistjoni li trid tkun eżaminata minn dik il-Qorti li tiġi adita biex tiddeċiedi l-mertu sostantiv tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti wara li ħasbet fit-tul dwar il-vertenza hija tal-konvinċiment li abbażi ta' dak li jgħallmu dawn il-Qrati u anke tal-fatti li għandha quddiemha, ai fini biss ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti irnexxielhom jipprovaw li għandhom *prima facie* pretensjoni ta' jedd x'jittitolaw. Dwar l-element ta' irrimedjabbilita` huwa minn awl id-dinja li jekk jiġri dak li hu temut mir-rikorrenti s-sitwazzjoni tkun minnha nnifisha rrimedjabbli.

Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar li l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.

Għaldaqstant, il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija filwaqt li qed tikkonferma l-ordni provviżorja tagħha tat-8 ta' Ġunju 2020 qegħda tilqa' definittivament it-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba fir-rikors tagħhom tat-8 ta' Ġunju 2020 u tordna għalhekk, il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-intimat biex jieqaf milli jagħmel jew li jkompli jagħmel l-affarijiet imsemmija f'dan ir-rikors.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-intimat.

**Mogħti kameralment illum 6 ta' Lulju, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**